Il-Kummissjoni Ewropea

# Il-vjaġġ għall-Kumpaniji:

**Min** jista' jipparteċipa?

Kumpaniji tad-daqsijiet kollha li lesti jospitaw studenti rreġistrati f'università f'pajjiż ieħor. Int ser tagħtihom l-opportunità li jitgħallmu **ħiliet diġitali speċifiċi** fl-impjieg.

**Minn** xiex ser jibbenifikaw il-kumpaniji?

Il-kumpaniji ser jibbenifikaw mill-preżenza ta' trainees motivati ħafna u b'talent - u l-ideat ġodda tagħhom!

**It-**trainees jitħallsu?

Iva, it-trainees ta' Erasmus+ ser jirċievu gratifika ta' madwar €500/xahar li titħallsilhom direttament mill-università. Il-kumpaniji huma mħeġġin iżidu ma' din il-gratifika.

**Il-**kumpaniji kif jipparteċipaw fid-Digital Opportunity Traineeships?

Kuntenti li staqsejt! Il-kumpaniji jistgħu jippubblikaw l-offerti tagħhom fuq is-siti web ta' **Drop'pin@EURES** jew **ErasmusIntern** u jimmarkaw l-offerta bħala Digital Opportunity Traineeship. Il-kumpaniji jistgħu jistabbilixxu wkoll kuntatti diretti mal-universitajiet biex jirreklamaw l-offerti tat-traineeships tagħhom. Meta jieħdu sehem fid-Digital Opportunity Traineeships, il-kumpaniji jimpenjaw irwieħhom li jirrispettaw il-**Qafas tal-Kwalità għat-traineeships** Ewropew.

**Kif** nagħżel it-trainees?

It-trainees jistgħu jintgħażlu direttament mill-pjattaforma fejn tiġi ppubblikata l-offerta. B'mod parallel, l-universitajiet jagħżlu l-kandidati minn qabel li jissodisfaw il-kriterji tat-traineeships ta' Erasmus+ skont il-linji gwida tal-programm.

**X'ser** jitgħallem it-trainee waqt it-traineeship?

Ħafna, nisperaw! Int ser tifforma l-ħaddiem li trid timpjega permezz ta' taħriġ fuq il-lant tax-xogħol. Qabel tibda t-traineeship, il-kumpanija ospitanti u t-trainee ser jiffirmaw "Ftehim ta' Tagħlim minn Traineeship" li jistabbilixxi l-kontenut u l-eżiti mistennija tat-traineeship

*Digital Skills and Jobs Coalition*

http://bit.ly/DigitalOpportunities